# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma llum 13 ta' Gunju, 2018**

**Rikors Numru: 41/2018 CSH**

**Avv. Joseph Gauci ghan-nom u in rapprezentanza**

**ta' San Anton School**

**vs**

**Ronald u Sarah konjugi Galea**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur nomine pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Frar, 2018 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, jhallsu lill-attur is-somma ta' sitt elef, sitt mija, tnejn u disghin ewro (€6,692.00), rapprezentanti mizati dovuti lill-attur ghal servizz ta' edukazzjoni moghti lil uliedhom Nayane Marie u Yelena Galea fuq talba taghhom u konsistenti f'diversi fatturi mibghuta lilhom, liema ammont baqa' ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra legali tas-7 ta' Frar 2018, u l-imghax legali mis-7 ta' Frar 2018 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2018 dehret il-konvenuta Sarah Galea li ddikjarat li hija flimkien ma zewgha l-konvenut Ronald Galea huma debituri

tal-attur nomine u dan peress illi tirrikonoxxi li huma ma halsux zewg mizati tal-iskola ghall-uliedhom minuri. Spjegat ukoll li minkejja li m'hijiex separata zewgha l-konvenut Ronald Galea telaq mid-dar.

Illi l-konvenut Ronald Galea huwa notifikat permezz tal-affissjoni li sar fl-indirizz moghti fl-avviz kif ukoll fl-ghassa tal-Pulizija ta' Marsaskala u fil-Kunsill Lokali tal-istess lokalita'.

Rat ukoll illi l-konvenut huwa notifikat permezz ta' avviz li deher fil-gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Mejju, 2018 (fol 9).

Rat ukoll illi l-konvenut huwa notifikat permezz ta' gazzetta lokali u cioe' "The Independent" tal-15 ta' Mejju, 2018.

Ghaldaqstant, il-Qorti thoss in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Sarah Galea li t-talba attrici hija misthoqqa u ghaldaqstant tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' sitt elef, sitt mija, tnejn u disghin ewro (€6,692.00) inkluz l-ispejjez tal-ittra legali tas-7 ta' Frar, 2018 u l-imghax legali mis-7 ta' Frar, 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

**Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera**

**Deputat Registratur**